**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

**MALTA**

CCT/220/17/S

Carmel Muscat

vs

Franklin Orsini eżerċenti l-kummerċ bħala O&F Construction

Illum 6 ta'Novembru, 2023.

It-Tribunal,

Ra t-Talba ta' Carmel Muscat ippreżentata fl-1 ta' Diċembru, 2017, filwaqt li l-intimat Franklin Orsini eżerċenti l-kummerċ bħala O&F Construction lanqas biss ippreżenta risposta;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni tagħhom;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xogħol ta' *waterproofing* li skont ir-rikorrenti, ma sarx sew u f'inqas minn sentejn, ilmenta minn xquq u qsim fil-partijiet tal-*waterproofing* magħmula mill-intimat;

Illi jingħad mal-ewwel illi ċ-ċertifikat ta' garanzija ppreżentata mill-intimat u mmarkata bħala Dok FO6, tagħti garanzija ta' għaxar (10) snin fuq il-waterproofing;

Illi għalhekk l-intimat huwa responsabbli biex jagħmel xogħolijiet ta' riparazzjoni sabiex l-istess waterproofing isir kif suppost u dawk ix-xquq u l-partijiet li nqalgħu, jittranġaw minnufih;

Illi l-intimat kien konxju tal-garanzija li huwa ta bil-miktub u għalhekk ma jistax issa jġib skużi milli jwettaq dak li huwa wiegħed skont id-dokument li ppreżenta huwa stess;

Għalhekk dan it-Tribunal iħoss li mill-provi mressqa, r-rikorrenti rnexxielu jipprova dak minnu allegat, pero' mhux l-ammonti kollha mitluba huma pruvati jew inġabet prova li għandu jingħata l-istess ammont;

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' *in parte* t-talba ta' Carmel Muscat, filwaqt li Jiċħad il-kontestazzjonijiet tal-intimat Franklin Orsini eżerċenti l-kummerċ bħala O&F Construction, u Jordna lill-istess intimat biex fi żmien ġimagħtejn mil-lum jagħmel ir-riparazzjonijiet kollha neċessarji fil-punti kollha illi ġew indikati fir-ritratti ppreżentati u fin-nuqqas li jagħmel dan ix-xogħol riparatorju, l-intimat għandu jirritorna l-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800), stabilit *ex aequo et bono* minħabba li tali xogħol ma sarx skont l-arti u s-sengħa.
It-Tribunal jordna li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu kollha mill-intimat.

Richard Sladden Av.
Arbitru